MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru 714/2013

**Artikolu 26 tal-Kapitolu 495,**

**tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**ANN-MARIE MIFSUD**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **ANN-MARIE MIFSUD,** ta' 22 sena, bint Carmel u Georgia nee' Micallef, imwielda Rumanija nhar l-4 ta' Frar, 1991, residenti Solair Holiday Complex, Blk D, Flt 21B, Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 612591(M) u akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Lulju, 2013, u matul il-granet ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlet arrangamenti ghall-adozzjoni ta' xi tifel jew tifla minghajr l-awtorizzazzjoni tal-awtorita' centrali.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputata, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta' Lulju 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata b'mod sommarja, l-istqarrija tal-imputata datata 10 ta' Lulju 2013 u reklam muri fl-Internet fis-sit www.maltapark.com nhar id-9 ta' Lulju 2013.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 8 ta' Mejju, 2014.

Rat illi fit-8 ta' Mejju 2014 dehret l-Ufficjal Prosekutur li nformat lill-Qorti li ma kellhiex riferta pozittiva tal-imputata u ddiferiet il-kawza ghal nhar it-3 ta' Gunju, 2014.

Rat illi fl-ezami li sar fit-3 ta' Gunju 2014 l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fit-3 ta' Gunju 2014 l-Ufficjal Prosekutur halfet l-akkuzi fil-konfront tal-imputata u l-imputata talbet li tkun assistita minn avukat tal-ghajnuna legali peress li hija indigenti. Illi dakinhar stess il-Qorti nnominat lil Dr Noel Bartolo sabiex jassisti lill-imputata.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tat-tlieta (03) ta' Gunju 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghat terga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlieta (03) ta' Gunju 2014.

Il-Qorti rat l-istqarrija tal-imputata minn fejn jirrizulta li l-imputata fil-fatt ghandha bzonn l-ghajnuna u fil-fatt hija social case.

Rat illi l-imputata stess spjegat is-sitwazzjoni li wassluha sabiex hija tirriklama lil binha ta' erba' snin ghall-addozzjoni u fil-fatt spjegat kif uploadjat ritratt tieghu. Spjegat pero' li fir-realta' qatt ma kienet se tasal biex taghtih ghall-addozzjoni izda ghamlet hekk ghaliex ghandha problemi ta' flus u anki problemi familjari u kienet qed thossha li falliet f'hajjitha. Jirrizulta wkoll illi marret l-Appogg, Gwardamangia sabiex isibulha fejn tghix ghaliex ma kellhiex flus biex thallas il-kera tal-flat. Jinghad illi fl-avviz li ghamlet kien hemm miktub "wanted boy for adoption... four year old Maltese boy for adoption, need a family. Can't live with me since I'm single and can't buy him food and other things. Thanks". Illi hija kkonfermat li dan ir-reklam tellghatu hi fuq il-komputer waqt li binha kien qed jilghab hdejha. Mistoqsija jekk tafx li dak li ghamlet kien illegali wiegbet fin-negattiv u mistoqsija ghaliex fil-fatt kienet bidlet l-account taghha fuq il-Maltapark biex ittella' dan ir-ritratt, spjegat li ma xtaqitx li n-nies li jafuha jkunu jafu li kienet qed taghmel dan ir-riklam.

Illi mis-suespost jirrizulta li verament ghalhekk din l-imputata ghandha bzonn l-ghajnuna sabiex tinghata direzzjoni ahjar f'hajjitha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza minn fejn jirrizulta u dan ghaliex ma giex kontestat mill-Prosekuzzjoni illi l-imputata llum qed tghix fid-dar tal-YMCA u li uliedha qed jghixu fid-djar tas-Sorijiet u huma ben kurati minnhom. Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li hi ghandha tinnomina Probation Officer sabiex jiehu hsieb lill-imputata u jidderigiha kif ghandha ggib ruhha fis-socjeta'.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghha u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 495 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u l-Parole u dan bil-ghan illi jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb lill-imputata bil-ghan li jzommha l-boghod mill-hajja ta' kriminalita' u jghinha fil-problemi li hi ghandha f'hajjitha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------